MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 753/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Pierre Nani**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Pierre Nani detentur tal-karta tal-identita' numru 718562(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer bejn Marzu 2009 u April 2009, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat,

u cioe` ha u zamm ghandu flus ta' Busuttil & Sons (Marketing) Ltd, liema flus jeccedu l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat illi l-imputat hallas pjenament l-ammont dovut qabel ma bdew il-proceduri kontrih.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 337 (1) u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta, qeghda issib lill-imputat Pierre Nani hati tal-akkuza kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------